MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## GRAZIELLA BEZZINA

Seduta ta' l-24 ta' Ottubru, 2014

Talba Numru. 501/2014

**Klikk Limited**
**C30425**

**vs**

**Stoppa Telefonforsaljning Limited**
**C64389**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-Socjeta' rikorrenti ddikjarat illi hija kredritrici tas-Socjeta' intimata Stoppa Telefonforsaljning Limited (C64389) fl-ammont ta' elfejn, erba' mija, hamsa u tletin ewro (€2,435) rapprezentanti diversi oggetti moghtija lilha fuq ordni taghha stess u dan kif jidher mill-fattura annessa u mmarkata Dok.'A'. Illi ghalkemm is-Socjeta' intimata giet interpellata diversi drabi sabiex tersaq ghall-hlas din baqghet inadempjenti;

Ghaldaqstant is-Socjeta’ rikorrenti umilment titlob li dan l-Onorabbli Tribunal joghgbu:

1. Jiddikjara lis-Socjeta’ intimata debitrici tas-Socjeta’ rikorrenti fis-somma ta’ € 2,435;
2. Jordna lis-Socjeta’ intimata thallas l-ammont dovut.

Bl-ispejjez u interessi legali kollha.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm is-Socjeta’ konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher rapprezentant taghha ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-Socjeta’ attrici u l-fatt li naqas li jidher rapprezentant tas-Socjeta’ konvenuta sabiex jirrispondi ghalih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-Socjeta’ attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lis-Socjeta’ konvenuta thallas lis-Socjeta’ attrici s-somma ta’ elfejn, erba’ mija, hamsa u tletin ewro (€2,435) bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez jkunu a karigu tas-Socjeta’ konvenuta.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------